IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru22 (tnejn u ghoxrin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-ufficcju tal-Kunsill nhar it-Tlieta 23 ta' Ġunju, 2020, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sa. Rosabelle Pulis ippresedja l-laqgħa.

**22.1. Item Nru 22.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

22.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.45pm u s-Sindku avża li ser jittardja.

**22.2. Item Nru. 22.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1. Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**22.3 Item Nru. 22.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mil-Viċi Sindku

22.3.1 Il-Viċi Sindku Rosabelle Pulis tkellmet fuq il-proposta li jsir Dogs Park wara l-Bus Shelter fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja u infurmat lill-Kunsill li applikajna għal fondi mal-iskema LC CARE. Kulħadd qabel.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 22693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

22.3.2 Is-Sa Pulis tkellmet fuq possibilta ta' attivitajiet għal dan is-Sajf. Hi pproponiet li jibdew jittellghu laqgħat dwar healthy cooking u jsiru fil-Belveder. Kulħadd qabel ma din il-proposta u għal-laqgħa li jmiss ser ikollna aktar informazzjoni.

Fis-6pm daħal għal-laqgħa s-Sindku Neil Attard.

**22.4 Item Nru 22.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

22.4.1 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk hemm indikazzjoni ta' meta ser jitlesta x-xogħol fi Triq l-Iskola minn Infrastructure Malta. Dan ix-xogħol issa ilu għaddej xhur u tajjeb li jkollna informazzjoni. Is-Segretarju qal li hu diga baghat lil Infrastructure Malta u ikkopja lill-Kuntrattur u dan hu maħsub li jitlesta lejn l-aħħar tax-xahar id-diehel.

22.4.2 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħu nitolbu laqgħa mal-SSTP sabiex naraw kif inhu l-andament fl-impjant u biex nippjanaw laqgħa mar-residenti. Is-Segretarju qal li ser jibghat lil Water Services biex nippjanaw laqgħa tal-Monitoring Committee.

22.4.3 Is-Sa. Borg qalet li bħalissa għandna problema kbira ta' Ġrieden max-Xgħajra kollha u xtaqet li nitolbu l-għajnuna mil-Onor. Deo Debattista sabiex nindirizzawha. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ser jikteb lil Environmental Health u jikkopja wkoll lil-Onor. Debattista.

22.4.4 Is-Sa. Borg staqsiet meta ser noħorġu in-newsletter. Il-Kunsill qabel li tinħareġ waħda għal żmien il-Milied.

22.4.5 Is-Sa Borg staqsiet jekk nistgħux nixtru 4 life savers għax xatt biex jekk ikun hemm il-ħtieġa jintużaw. Kulħadd qabel.

22.4.6 Is-Sur Raymond Camilleri qal li t-tarag ta' quddiem it-Triq Frans Minuti jinsab ta' periklu u għalhekk la ma nistgħux nirranġawh aħna, l-aħjar jingħalaq biex nevitaw xi diżgrazzja. Kulħadd qabel ma' dan.

22.4.7 Is-Sindku qal li ser ikollu laqgħa mal-Ministru Giulia Farrugia Portelli sabiex niddiskutu l-ħadid tax-Xatt u l-possibilta li l-ħaddiema tal-FTZD jagħmlu xogħol fix-Xgħajra.

22.4.8 Is-Sindku qal li tlabna għal laqgħa mal-Onor. Byron Camilleri Ministru tal-Intern sabiex niddiskutu problemi li qed niffaċċaw magħhom relatati mad-dekasteri tiegħu. Din il-laqgħa ser issir nhar is-17 ta' Lulju fl-10am fl-uffiċċju tal-Kunsill.

22.4.8 Is-Sindku qal li tkellem mas-Sur Clayton Damato sabiex isir survey Dawret ix-Xatt sabiex napplikaw għal Development Funds u issir il-Kids Area ta' fejn Triq iċ-Ċern.

22.4.9 Is-Sindku qal li Triq iċ-Ċern xorta waħda qed jitilgħu trakkijiet minkejja li għamilna tabella oħra. Għalhekk il-Kunsill qabel li ssir tabella kbira kemm jista jkun biex din tiġi enfasizzata aktar.

22.4.10 Is-Sur Raymond Farrugia staqsa jekk nistgħux nibdlu U-Bar fi Triq il-Knisja. Kulħadd qabel.

22.4.11 Is-Sur Farrugia staqsa jekk jistax isir passaġġ biex jinzlu fuq il-blat fejn Smart City. Kulħadd qabel ma' din it-talba.

22.4.12 Is-Sindku ippropona li jinxtara madum u sanitary ware ghad-dressing rooms minħabba li hemm periklu. Il-Kunsill imbgħad ser japplika għal development funds biex inkunu nistgħu nirkupraw din l-ispiza. Kulħadd qabel ma' dan.

**22.5 Item Nru. 22.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

22.5.1 Ma kienx hemm rapoprti

**22.6 Item Nru. 22.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

22.6.1 Is-Sindku ippropona li nibdlu 4 bins tal-klieb. Kulħadd qabel.

22.6.2 Is-Sindku ippropona li issir sleeping police gdida fi Triq il-Knisja. Kulħadd qabel

22. 6.3 Is-Sindku ippropona li issir mera ġdida fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja.

22.6.4 Is-Sindku ippropona xogħol ta' manutenzjoni fuq il-palm parti mil-Progett Urban Greening.

**22.7 Item Nru. 22.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

22.7.1 Pagamenti b'numru 94 ġew approvati unanimament.

**22.6 Item Nru. 22.6 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

22.22.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 22693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGHAJRA

**22.9 Item Nru. 22.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

22.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.55pm

Aġġornament għal-nhar it-Tnejn 3 ta’ Awwissu, 2020 fil-5.30pm

_________________________

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

_________________________

Neil Attard
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 22693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt